MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1268/2002

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Raymond u Maria Victoria sive Vivvienne konjugi Mifsud.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-8 ta' Novembru 2002 li permezz taghha l-Bank attur ippremetta:

Illi b' kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Anthony Abela tat-2 ta' Marzu, 2001, Dok A anness, il-konvenuti nghataw Overdraft Facilities fl-ammont u skond il-kondizzjonijiet hemm indikati.

Illi kif jidher mill-istatement anness u markat Dok B l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fil-Loan Account numru 054 100664 340 fl-ammont ta' Lm5694.55,0, kwnatu ghall-Lm5572.30,0 kapital u kwantu ghal Lm122.25,0 imghax bit-8% fis-sena kalkolat sal-21 ta' Gunju 2002;

Illi, kif jidher mill-istatement anness u markat Dok. C, l-konvenuti huma, inoltre debituri tal-Bank attur fl-Overdraft Account numru 054 100664 001 fl-ammont ta' Lm13, 164.43 kwantu ghal Lm13,155.51 kapital u kwantu ghal Lm8.92,0 imghax kalkolat sas-16 ta' Settembru, 2002, huma hekk debituri fl-ammont komplessiv ta' Lm18,858.98,0 oltre l-imghax kif mitlub;

Illi l-konvenuti bqaghu inadempjenti nonostante interpellazzjonijiet bonarji Dok. D – ittra tas-6 ta' Mejju, 2002 u Dok. E ittra tas-26 ta' Awissu, 2002.

Illi d-debiti huma likwidi, certi u dovuti u fil-fehma tal-Bank attur il-konvenuti m' ghandhom l-ebda eccezzjoni x' jaghtu biex jikkontestaw it-talba ghall-hlas.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundannahom ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' hamest elef sitt mija u erbgha u disghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm5694.55,0) kif fuq intqal fuq il-kont Loan Account numru 054 100664 340, imghax bit-8% fis-sena b' effett mit-22 ta' Gunju 2002 sal-pagament finali; kif ukoll

2. Tikkundannahom ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlettax-il elf mija u erbgha u sittin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm13, 164.43) kif fuq intqal, minnhom dovut fuq Overdraft Account numru 054 100664 001 flimkien mal-imghax tat-8% fis-senna b' effett mis-17 ta'

Settembru 2002 sal-pagament finali, b' kollox Lm18,858.98,09 (tmintax il-elf tmien mija u tmienja u hamsin lira u tmienja u disghin centezmu) oltre l-imghax kif mitlub, u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, in vista tal-affidavit tal-Bank attur Dok AF anness, fit-termini tal-Artikolu 167 et seq. Tal-Kap 12;

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet ulterjuri kif mitlub, bl-ispejjez tal-ittri tas-6 ta' Mejju, 2002 u tas-26 ta' Awwissu 2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa mill-P.L. Jonathan De Maria u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu illi jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci skond il-Ligi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju, 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet lill-Prokuratur Legali Jonathan De Maria bhala xhud prodott mill-Bank attur;

Billi ghalhekk it-talba tal-Bank attur mhijiex kontradetta;

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:**

**1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Bank attur is-somma ta' hamest elef sitt mija u erbgha u disghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm5694.55,0) kif fuq intqal fuq il-kont Loan Account numru 054 100664 340, imghax bit-8% fis-sena b' effett mit-22 ta' Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlettax-il elf mija u erbgha u sittin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm13, 164.43), minnhom dovut fuq Overdraft Account, lill-Bank attur, flimkien mal-imghax tat-8% fis-senna b' effett mis-17 ta' Settembru 2002 sal-pagament finali.**

**L-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju, 2002 u tas-26 t' Awwissu, 2002 jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------